31997L0046

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/46/KE

tal-25 ta' Lulju 1997

li temenda d- Direttiva 95/44/KE li tistabilixxi l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-introduzzjoni jew għall-moviment ta' ċerti organismi li jagħmlu l-ħsara, pjanti, prodotti magħmula mill-pjanti u oġġetti oħrajn elenkati fl-Annessi I sa V tad-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE ġewwa l-Komunità jew ċerti żoni protetti tagħha, għal provi jew għal skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq selezzjonijiet varjetali

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id- Direttiva tal-Kummissjoni 77/93/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organismi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti magħmula mill-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/14/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 3(7)(e), 4 (5), 5 (5) u 12 (3c) tagħha,

Billi skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 77/93/KEE, organismi li jagħmlu l-ħsara elenkati fl-Annessi I u II, kemm jekk waħedhom jew assoċjati mal-pjanti jew prodotti magħmula minn pjanti rilevanti elenkati fl-Anness II ta' l-imsemmija Direttiva, ma jistgħux jiġu introdotti jew imxerrda permezz ta' moviment ġewwa l-Komunità jew ċerti żoni protetti tagħha;

Billi skond d-Direttiva 77/93/KE, pjanti, prodotti magħmula minn pjanti u oġġetti oħrajn elenkati fl l-Anness III, ma jistgħux jiġu ntrodotti ġewwa l-Komunità jew ġewwa ċerti żoni protetti tagħha;

Billi wkoll, pjanti, prodotti magħmula mill-pjanti u oġġetti oħrajn elenkati fl-Anness IV ta' l-imsemmija Direttiva, ma jistgħux jiġu introdotti jew trasportati ġewwa l-Komunità jew ċerti żoni protetti tagħha sakemm ma jiġux sodisfatti r-rekwiżiti rilevanti speċjali indikati fl-imsemmi l-Anness;

Billi pjanti, prodotti magħmula mill-pjanti u oġġetti oħrajn elenkati fl-Anness V Parti B tad- Direttiva 77/93/KE li jiġu minn pajjiżi terzi ma jistgħux jiġu introdotti ġewwa l-Komunità ħlief jekk jikkonformaw ma' l-*istandards* u mar-rekwiżiti stipulati fl-imsemmija Direttiva u huma akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju uffiċjali, li jiżgura din il-konformità, u huma inoltre spezzjonati fuq bażi uffiċjali għal konformità ma' dawn id- disposizzjonijiet;

Billi, madanakollu, l-Artikoli 3(7)(e), 4 (5), 5 (5) u 12 (3c) ta' l-imsemmija Direttiva jistipulaw li dawk ir-regoli ma għandhomx japplikaw għall-introduzzjoni u għall-moviment ta' organismi, pjanti, prodotti magħmula mill-pjanti u oġġetti oħrajn li jagħmlu l-ħsara, għal prova jew għal skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq selezzjonijiet varjetali, konformi ma' ċerti kundizzjonijiet li għandhom jiġu determinati fuq livell Komunitarju;

Billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 95/44/KE [3] stipulat l-kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti f' kasijiet ta' introduzzjonijiet jew movimenti ta' din ix- xorta, sabiex jiġi żgurat li m' hemm ebda riskju li jixterrdu organismi li jagħmlu l-ħsara;

Billi fl-Istati Membri hemm bżonn li jiġu importati pjanti ta' speċji li jiffurmaw l-i*stolon* jew it-tuberi ta' *Solanum L.* Jew taħlit tagħhom, intenzjonati għat tħawwil, għal xogħol fuq selezzjoni varjetali, jew għal konservazzjoni ta' ġeni jew skopijiet ta' riċerka xjentifika;

Billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 80/862/KE [4], kif emendata l-aħħar mid-Deċisjoni 96/713/KE [5], stipulat il-kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti fil-kas ta' introduzzjonijiet jew movimenti ta' l-imsemmija pjanti, sabiex jiġi żgurat li m' hemm ebda riskju li jinxtered l-organismu li jagħmel il-ħsara;

Billi d-Deċisjoni 80/862/KEE, kif emendata, tiskadi fil-31 ta' Diċembru 1997 u huwa għalhekk xieraq li jiġu inkorporati l-kundizzjonijiet stipulati f'dik id-Deċisjoni f'din id- Direttiva;

Billi huwa neċessarju li jiġu determinati l-kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti fil-kas ta' introduzzjonijiet jew movimenti ta' l-imsemmija pjanti, sabiex jiġi żgurat li m'hemm ebda riskju li jinxtered organismu li jagħmel il-ħsara;

Billi dawn il-kundizzjonijiet iridu jikkunsidraw żviluppi ġodda fil-metodi ta' l-ittestjar għal mard fil-patata u informazzjoni ġdida dwar organismi li jagħmlu ħsara lill-patata, li fir- rigward tagħhom huwa meħtieġ test li jikxef il-presenza tagħhom;

[1] ĠU Nru L 26, tal-31.1.1977, p. 20.
[2] ĠU Nru L 87, tat-2.4.1997, p. 17.
[3] ĠU Nru L 184, tat-3.8.1995, p. 34.
[4] ĠU Nru L 248, tad-19.9.1980, p. 25.
[5] ĠU Nru L 326, tas-17.12.1996, p. 70.

Billi l-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 95/44/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

(1) Artikolu 1(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. 1. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li għal kull attivita' ta' prova jew għal skopijiet xjentifiċi u għal xogħol fuq selezzjonijiet varjetali, minn hawn 'l quddiem imsejjħa l-attivitajiet, li jistgħu jinvolvu l-użu ta' organismi li jagħmlu l-ħsara, pjanti, prodotti magħmula mill-pjanti u oġġetti oħrajn skond l-Artikolu 3(7)(e), 4 (5), 5 (5) jew 12 (3c) tad- Direttiva 77/93/KEE, minn hawn 'l quddiem imsejjaħ il-materjal, tintbgħat applikazzjoni lill-organi uffiċjali responsabbli qabel id-dħul jew il-moviment ta' kull materjal ta' din ix- xorta ġewwa Stat Membru jew żoni protetti rilevanti tiegħu.;";

(2) fl-Anness III, Parti A it-test li ġej għandu jiġi miżjud:

"Sezzjoni IV: *Pjanti ta' l-ispeċji Solanum L. li jiffurmaw stolon jew tuberi, jew taħlit tagħhom, intenzjonati biex jiġu mħawwla*

1. Il-materjal tal-pjanti, skond kif xieraq, għandu jiġi soġġettat għall-proċeduri ta' terapija stipulati Fir-Regoli Indikattivi Tekniċi tal-FAO/IPGRI.

2. Kull unità tal-materjal tal-pjanta, wara l-proċeduri ta' terapija mwettqa fil-punt 1, għandha tiġi soġġettata għall-proċeduri ta' indiċi. Kull materjal tal-pjanti, inklużi pjanti ta' indiċi, għandu jinżamm fil-faċilitajiet approvati bil-kundizzjonijiet ta' żamma ta' kwarantina stipulati fl-Anness I. Materjal ta' pjanti intenzjonat għall-approvazzjoni għar-rilaxx uffiċjali għandu jinżamm b' kundizzjonijiet li jwasslu għal ċiklu normali ta' tkabbir veġetali u għandu jkun soġġettat għal spezzjoni viżwali għal sinjali u sintomi ta' organismi li jagħmlu l-ħsara inklużi l-organismi rilevanti kollha li jagħmlu l-ħsara u li huma elenkati fid-Direttiva 77/93/KEE u l-marda tal-vini sofor tal-patata, mal-wasla u sussegwentement, f'intervalli regolari sax-xjuħija tagħhom, waqt il-perjodu tal-proċeduri ta' indiċi.

3. Il-proċeduri ta' indiċi msemmija fil-punt 2 għandhom isegwu d-disposizzjonijiet tekniċi stipulati fil-punt 5, sabiex jinstabu ta' mill-inqas l-organismi li jagħmlu l-ħsara li ġejjin:

— Batterji

(a) *Clavibacter michiganensis* (Smith) Davis *et al* ssp. *sepedonicus* (Spieckermann et Kotthoff) Davis *et al*;

(b) *Pseudomonas solanacearum* (Smith) Smith.

— Virus u organismi bħal virus

(a) Virus moħbi tal-patata *Andeana*,

(b) Virus tal-patata li jagħmel tikek suwed,

(ċ) Virojd tar-rukkell tat-tuberu tal-patata,

(d) *Alfamovirus* li jikkawża sfurija fil-patata,

(e) Virus tal-patata T,

(f) Virus li joħloq tbajja fil-patata *Andeana*,

(g) Virus komuni tal-patata A, M, S, V, X u Y (inklużi Y^{o}, Y^{n} u Y^{c}) u virus tal-werqa tal-patata

Madanakollu, fil-kas taż-żerriegħa vera tal-patata, il-proċeduri ta' indiċi għandhom isiru sabiex jinstabu ta' mill-inqas il-virus u l-organismi bħal virus elenkati hawn fuq f' (a) sa (e).

4. Il-materjal tal-pjanti soġġettat għall-ispezzjonijiet viżwali msemmija fil-punt 2 u li fuqu jkun ġew osservati sinjali u sintomi ta' organismi li jagħmlu l-ħsara, għandu jiġi soġġettat għal investigazzjoni li tinkludi testijiet meta meħtieġa, sabiex jiġi stabbilit sa fejn dan hu possibbli, l-identità ta' l-organismi li jagħmlu l-ħsara li jkunu qegħdin jikkawżaw is-sinjali u s-sintomi.

5. Id-disposizzjonijiet tekniċi msemmija fil-punt 3 għandhom ikunu kif ġej:

— Batterji

1. Għal tuberi, ittestja in-naħa ta' l-għarqub ta' kull tuberu. Id-daqs *standard* ta' kull kampjun għandu jkun 200 tuberu. Madanakollu, il-proċedura tista' tiġi applikata b' mod konvenjenti għal kampjuni b' inqas minn 200 tuberi.

2. Għal pjanti żgħar u tirqid, inklużi mikropjanti, ittestja s-sezzjonijiet ta' isfel taz-zokk u, fejn xieraq, l-egħruq, għal kull unità tal-materjal tal-pjanta.

3. Fir-rigward ta' l-ittestjar ta' tuberi ta' proġenija, jew tal-bażi ta' l-għeruq għal speċji li ma jiffurmawx tuberi, huwa rakkomandat ċiklu normali wieħed ta' tkabbir veġetali wara l-ittestjar imsemmi fil-punti 1 u 2.

4. Fir-rigward tal-materjal imsemmi fil-punt 1, il-metodu ta' l-ittestjar għal *Clavibacter michiganensis* (*Smith*) *Davis et al ssp. sepedonicus* (*Spieckermann et Kotthoff*) *Davis et al* għandu jkun il-metodu Komunitarju stipulat fl-Anness I tad- Direttiva tal-Kunsill 93/85/KEE [1]. Għall-materjal imsemmi fil-punt 2, dan il-metodu ta' testijiet jista' jiġi applikat.

[1] ĠU Nru L 259, tat-18.10.1993, p. 1.

5. Għall-materjal imsemmi fil-punt 1, il-metodu ta' testijiet għal *Pseudomonas solanacearum* (Smith) Smith għandha tkun l-iskema ta' test provviżorju stipulata fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li trid tittieħed sabiex tiġi sostitwita l-proċedura ta' kwarantina Nru 26 għal *Pseudomonas solanacearum* (Smith) Smith kif stabilita mill-Organizzazzjoni ta' Ħarsien ta' Pjanti Ewropea u Mediterranja (EPPO). Għall-materjal imsemmi fil-punt 2, dan il-metodu ta' testijiet jista' jiġi applikat.

— Virus u organismi bħal virus, apparti mill-virojd tar-rukkell tat-tuberu tal-patata.

1. L- ittestjar minimu għal materjal veġetali (tuberi, pjanti żgħar u tirqid, inklużi mikropjanti) għandu jinkludi test seroloġiku magħmul waqt il perjodu tal-fjuri għal kull waħda mill-listi speċifikati ta' organismi li jagħmlu l-ħsara apparti mill-virojd tar-rukkell tat-tuberi tal-patata, u segwit minn test bioloġiku ta' materjal li jittestja negattiv fit-test seroloġiku. Għall-virus tal-werqa tal-patata, iridu jsiru żewġ testijiet seroloġiċi.

2. L-ittestjar minimu għal żerriegħa ta' veru għandu jkun test seroloġiku jew test bioloġiku jekk ebda test seroloġiku ma jkun disponibbli. Huwa rakkomandat ħafna li proporzjoni tal-kampjuni negattivi jerġgħu jiġu eżaminati u li risultati li jkunu joqorbu ħafna lejn il-limitu jiġu ittestjati permezz ta' metodu ieħor.

3. It-testijiet seroloġiċi u bioloġiċi msemmija fil-punti 1 u 2 għandhom isiru fuq pjanti mrobbija fis-serrer, li minnhom jittieħdu kampjuni minn ta' mill-inqas żewġ posizzjonijiet fuq kull zokk, inkluża werqa żgħira ġdida li tkun infetħet għal kollox mill-quċċata ta' kull zokk u werqa żgħira iktar xiħa minn x'imkien fin-nofs; għandhom jittieħdu kampjuni minn kull zokk minħabba l-possibiltà ta' infezzjoni mhux sistematika. Fil-kas ta' testijiet seroloġiċi, ma jistgħax isir *'bulking'* ta' weraq żgħar minn pjanti separati, ħlief jekk ir-rata tal-*'bulking'* tkun ġiet validata għall-metodu ta' użu; madanakollu, jistgħu jiġu ibbalkjati weraq żgħar minn kull zokk sabiex isir kampjun minn kull pjanta. Fil-kas ta' testijiet bioloġiċi, il-*'bulking'* massimu huwa sa ħames pjanti b'tlaqqim ta' minimu ta' pjanti indikaturi duplikati.

4. Il-pjanti indikaturi xierqa li jridu jintużaw għat-testijiet bioloġiċi msemmija fil-punti 1 u 2 għandhom ikunu dawk elenkati mill-Organizzazzjoni għall-Ħarsien tal-Pjanti Ewropea u Mediterranja (EPPO), jew pjanti indikaturi oħrajn uffiċjalment approvati, li ġew pruvati li juru l-virus.

5. Materjal li jkun ġie ittestjat direttament biss għandu jinħeles mill-kwarantina. Meta jkun sar indiċi tal-għajnejn, l-proġenija ta' l-għajn ittestjata biss tista' tinħeles. It-tuberu m' għandux jinħeles minħabba problemi possibbli ta' infezzjoni mhux sistematika.

— Virojd tar-rukkell tat-tuberu tal-patata,

1. Fir-rigward tal-materjal kollu, pjanti mkabbra fis-serrer għandhom jiġu ittestjati, malli jkunu stabbiliti sew imma qabel ma jagħmlu l-fjuri u l-polline. Testijiet fuq tuberi li jkunu nibtu/pjanti *in vitro*/żerriegħa żgħar għandu jitqies biss bħala test preliminari.

2. Għandhom jittieħdu kampjuni minn werqa żgħira li tkun fetħet għal kollox fil-quċċata ta' kull zokk tal-pjanta.

3. Il-materjal kollu għall-ittestjar għandu jiġi mkabbar f'temperaturi ta' mhux inqas minn 18 °C (preferibbilment f'temperaturi iktar għoljin minn 20 °C) u b' ta' mill-inqas perjodu ta' ritratti ta' 16-il siegħa.

4. It-tesijiet għandhom isiru permezz ta' sondi ittikjati *cDNA* jew *RNA* radjuattivi jew mhux radjuattivi, *'return - PAGE'* (b' kisja tal-fidda) jew *RT - PCR*.

5. Ir- rata massima ta' *'bulking'* għal sondi u *'return - PAGE'* hija 5. L- użu ta' din ir- rata ta' *'bulking'* jew ta' rati ogħla irid jiġi valididat.'"

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-ta' Jannar 1998. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw id-disposizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-riferenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testijiet tad-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'dan.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara li tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1997.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni